KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 74 Tnejn 8 ta' April 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fit-8:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar -Viċi Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Karl Tanti – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Mario Sammut- Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Joe Gatt- Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**74.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' Mark Micallef Costa, Mario Sammut, u Joe Gatt, Karl Tanti u Angele Rapa. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 73

REF: 72.3.7 – Korrispondenza - CCN39/19 Ġibjun

Is-Sindku nforma li ħa ssir it-tieni *manhole*, u illum stess kien hemm il-kuntrattur tagħna fuq is-sit fejn fl-ewwel *manhole* li saret nstabu fliexken, ġebel u saħansitra ballun tal-futbol. Il-*culvert* li jgħaqqad il-ġibjun ma Triq Valletta huwa pjutost kbir, u għalhekk malli jitnaddaf il-problema għanda tissolva.

Fuq nota differenti dwar il-proġett tal-ġnien, Is-Sindku nforma li ltaqa' mal-PAMA mas-Sur Charles Borg, fejn infurmaħ li l-Kunsill huwa 'urtat mal-kuntrattur tal-PAMA il-Perit Charles

Buhagiar fejn qed jħallina mingħajr informazzjoni. Jidher li l-Planning Authority wara li daħħlet l-applikazzjoni talbet xi emendi. Is-Sindku talab lis-Sur Borg li l-Kunsill jeħtieġ li jkollu iktar informazzjoni. Is-Sindku nforma lil-Planning Authority li l-PAMA mhux ħa jirnexxilu jlesti l-proġett sa l-aħħar ta' Mejju skond it-termini tal-kuntratt. Is-Sindku talab lil-Planning Authority biex tieħu l-passi neċessarji.

REF: 72.4.3 – Kommunikazzjoni – GreenMT

Is-Sindku nforma li saret laqgħa mal-GreenMT wara li ssottomettew il-proposta tagħhom u qed nistennew li jibgħatulna l-kuntratt biex jiġi ffirmat.

REF: 72.4.7 – Kommunikazzjoni – Parking Sta. Margerita

Is-Sindku nforma li sa dal-għodu stess kien qed jiġġieled ma l-uffiċju tas-Sur Michael Cohen Transport Malta fejn is-soluzzjoni tagħhom issa ijja li r-*reserved parking* tal-lottu jkun bil-ħinijiet. Is-Sindku nfurmhom li din mhux soluzjoni u talab li jreġġaw lura dak li taw lil-Maypole. Transport Malta ma jistawx jifhmu li dan huwa preċedent. Is-Sindku ħa jibqi jinsisti fuq dan il-każ.

REF: 72.3.6 – Korrispondenza -Data Protection Officer fil-Kunsilli Lokali

Is-Sindku nforma li ġie iffirmat il-kuntratt tad-Data Protection Officer.

REF: 73.3.3 – Kommunikazzjoni mis-Sindku- In the process of being published

Is-Sindku nforma li irċevejna l-ewwel *draft* għat-tender ta' *Double Cab Tipper Van,* u ġew ippublikati tar-*rubble walls* u ta' lis-*street shrines*. Illum ġie konkluż it-tender tal-*playing field and gym equipment.*

Is-Sindku nforma li bħala tender tal-*handyman* għandna problema peress li tal-*contracts manager* ilna naħdmu fuqu min Lulju 2018. Is-Segretarju Eżekuttiv tkelmet mad-Direttur Christopher Galea u spjegatlu l-problemi li qed niltaqaw magħhom peress li tal-Contracts Manager irridu noħorġuħ BPQR hekk kif kien irrakomandat mid-DLG u dipartiment tal-Kuntratti. Fosthom wara li bgħatna *draft* lid-Dipartiment tal-kuntratti, dawn letteralment neżżaw il-kriterji li konna qed nitolbu, u ġabu t-tender fix-xejn, fejn ġie kważi bi kriterji ta' *cheapest compliant.* Bħala tender tal-*handyman* is-Segretarju Eżekuttiv tkelmet mad-Direttur tad-DLG u dan wkoll nridu noħorġuħ BPQR. Is-Sindku nforma li l-problema hija li meta tal-*contracts manager* ilna tant naħdmu fuqu, allura qed nistennew li tal-*handyman* ser jkun diffiċli wkoll biex jinħareġ fl-inqas żmien possibli. Il-proċess beda u qed jinħadem it-tender tal-*handyman* u nittamaw li ma neħlux u jiġi ppublikat sa l-aħħar ta' din il-leġiżlatura.

REF: 73.4.2 – Gazetta Mosta Solidali

Is-Sindku nforma li l-gazetta ħa tibda titqassam għada, u hija l-aħħar gazetta ta' din il-leġiżlatura.

REF: 73.4.11 – Bins tal-Bandli

Is-Sindku nforma li fil-laqgħa li għaddiet konna qbilna li l-bins tal-bandli fil-pjazza jitnaddfu l-Ħadd wkoll. L-ispiża addizjonali hija ta' 4,000 Ewro oħra f'sena, li tiġi madwar 80 Ewro kull Ħadd. Is-Sindku nforma li tkellem mal-kuntrattur u talbu li jekk fil-ħamrija jkun hemm xi karti jew flixken, dawn jitnaddfu wkoll. Il-kuntrattur qabel li jkunu inklużi bl-istess prezz.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li fl-addendum titniżżel Ħdud u Festi. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tistaqsi lil-kuntrattur jekk jaqbilx.

**REF: 73.5.2 - Evaluation tat-Tender KLM T02/2018- Road Maintenance of access & access only roads & ancillary works**

Is-Sindku nforma li dawk ix-xogħolijiet li jaqaw taħt dan it-tender ħa nkunu nistaw nerġaw nkomplu bix-xogħolijiet.

**REF: 73.5.2 - Evaluation tat-Tender KLM T08/2018- Supply, Installation and commissioning of CCTV Systems**

Is-Sindku nforma li l-kuntrattur ġie jiffirma l-Kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li Ambjent Malta talbu lil-Kunsill biex jsiru CCTV cameras fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, malajr kemm jista jkun peress li l-ġnien daqt jinfetaħ, għalkemm xorta ħa jkun fadal xi ftit xogħolijiet żgħar oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv għanda titkellem mal FARO group u rapreżentant ta' Ambjent Malta biex niltaqaw fiq il-post u tintalab kwotazzjoni u dan il-ġnien jiżdied bħala addendum mal kuntratt.

Is-Sindku żied jgħid li l-kumpanijja talbu lis-Sindku biex tiżdied *camera* bħala *security* fuq il-*cameras* li nsterqu fejn il-kapella ta' l-isperanza. Is-Sindku qal biex imbagħad naraw il-quddiem fuq is-*security camera.*

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 73.

## 74.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku / Korrispondenza

**74.3.1 Korrispondenza – Email- Permit to Sublease part of tat-Targa**

Is-Sindku nforma li rċevejna ittra mingħand is-Sur Edward Vella li huwa Mosta Scout Leader, fejn għandhom *Memorandum of Understanding*, sabiex jmexxu u jżommu fi stat tajjeb il-batterija. Is-Sindku nforma li rċevew talba mingħand is-Soċjeta Filarmonika Sta. Maria biex jgħamlu użu min parti tal-batterija biex jerfgħu armar marbut mal-marċ ta' filgħodu.

Is-Sur Vella nforma lil-Headquarters uffiċjali ta' l-iscouts fejn ma sabu l-ebda oġġezzjoni fuq kundizzjonijiet li s-Sindku qara' quddiem il-membri preżenti. Is-Sindku nforma li kien hemm l-intervent ta' l-Onor. Alex Muscat li wkoll żar is-sit Tat-Targa Battery flimkien mas-soċjeta filarmonika u membri tal-iscouts.

Il-membri preżenti unanimament approvaw. Is-Sindku ħa jiltaqa' mas-Sur Vella kif wkoll mal-Perit Grech, biex jżur iż-żona ħalli jara liema parti ħa tiġi *subleased,* u jerġa jirraporta lura lil-membri tal-Kunsill.

**74.3.2 Korrispondenza – PA/00372/19 Development of the ex- flower power site**

Is-Sindku nforma li kien għadda pjanti lil-Kunsilliera dwar proġett kbir ħafna, li huwa pjanat jsir fuq l-art fejn kien hemm il-Flower Power. Dan il-proġett huwa fil-konfini ta' Ħ'Attard, u pjanat li jkun hemm 5 *grounds* tal-futbol, 5 *table tennis courts*, *indoor pool*, *rugby pitch, health club, sports hotel* fuq żewġ livelli etċ.

Residenti diġa oġġezjonaw minħabba storbju 'u dawl li ħa jkollu dan il-kumpless. Is-Sindku nforma li s-*submissions* għalqu, u jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jieħu xi deċizjoni, din titħalla għal-leġiżlatura li ġejja. Pero' huwa il-Kunsill ta' Ħ'Attard li jkollu vot għal-oġġezzjoni, għax taqa' fil-konfini tagħhom.

**74.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku– Private u 4 mobile toilets għal mixja ta Puttinu Cares**

Is-Sindku nforma li waslet il-mixja ta' Puttinu u bħal kull sena' il-Kunsill ser jappoġja din l-iniżjattiva billi jipprovdi 4 *mobile toilets* fejn ir-roundabout tal-Jupiter u *coach* mil-Mosta għal-Mellieħa.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**74.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Meeting Gibjun**

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa fit-2 ta' April ma rapreżentanti tal-Onor. Ian Borg, mas-CEO ta' Infrastructure Malta is-Sur Frederick Azzopardi. Waqt din il-laqgħa s-Sindku nforma li rċevejna petizzjoni min residenti biex jieqaf ix-xogħol tal-ġnien pjanat mil-Kunsill, dan għaliex xi residenti kelmu rapreżentanti tal-Ministeru tal-Onor. Ian Borg u talbu biex jieqfu x-xogħolijiet. Is-Sur Azzopardi aċċerta li mhux ser jitwaqqfu x-xogħolijiet tal-proġett tal-ġnien, u biex ix-xogħol jitkompla kif pjanat. Is-Sur Azzopardi ta' xi pariri wkoll li malli l-ġibjun jilħaqq ċertu livell ta' ilma, tiskatta pompa awtomatika biex tbattal l-ilma fil-*culvert* u mhux fit-triq.

**74.3.5 - Kommunikazzjoni mis-Sindku – Nuqqas ta' attendenza minn Kunsillier**

Is-Sindku nforma li skond il-Local Councils ACT, irridu niktbu lid-dipartiment u lil Ministeru meta Kunsillier jonqos milli jattendi laqgħat kif inhu stipulat bil-Local Councils Act 363. Ktibna u nfurmajna li l-Kunsilliera Tua naqset milli tattendi iktar min terz tal-laqgħat, u ġejna nfurmati mil-Ministeru li l-post tagħha mhux ser jkun dikjarat vakant, peress li fadal biss 6 ġimgħat għal-elezjonijiet tal-Kunsilli.

**74.3.6 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Wardens fil-Ġimgħa il-Kbira u Kristu Rxoxt**

Is-Sindku nforma li s-Supretendent mil-għassa tal-Mosta talab biex nassistu lil-Pulizija fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom, billi niprovdu żewġ wardens waqt il-Ġimgħa l-Kbira u Kristu Rxoxt.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**74.3.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Tintinabru**

Is-Sindku nforma li permezz ta' mozzjoni tal-Kunsillier Deguara konna qbilna li jsir Tintinabru bħala rigal lil-Paroċċa wara li r-Rotunda ngħatat it-titlu ta' Bażilika Minuri. Is-Sindku qal li ddiskuta mal-Paroċċa kif jista jsir dan it-Tintinabru fejn sar abbozz li dan isir tal-injam indurat bil-folja tad-deheb. L-ispiża hija 5,000 Ewro l-injam u 4,200 Ewro biex jiġi ndurat bil-folja tad-deheb, u jkollu wkoll qanpiena li din tinxtara iktar tard.

Is-Sindku nforma li kellem lid-Direttur tad-DLG is-Sur Christian Galea, u spjegalu li l-Kunsill b'5,000 Ewro jista jixtri rħama kif kienet għamlet l-eks Sindku Shirley Farrugia fl-2013, li tfakkar il 100 sena mil-Kungress Ewkaristiku. Is-Sindku qal li aħjar jkollna xi ħaġa ta' użu, milli xi ħaġa bħal ma saret l-irħama li fil-verita ma fijhiex użu.

Aparti min hekk il-Gvern qed jidħol fi proġetti ta' restawr marbutin mal-knisja, fosthom ir-restawr tal-kampnar tal-Birgu, restawr tas-sagristija f'Bormla, l-faċċata tal-knisja tan-Naxxar u affarijiet oħra. U għalhekk fuq dawn il-bażi is-Sindku qed jiġġieled li jkollu l-approvazzjoni mid-DLG.

Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera biex jkun jista jgħamel it-talba lid-Direttur Christian Galea. Il-membri preżenti unanimament approvaw, basta jkun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment.

**74.3.8 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Co-financing Contract Agreement - Construction of new rubble walls & repair, maintenance, re-constructionof existing rubble walls**

Is-Sindku nforma li ffirmajna l-kuntratt mad-DLG biex nkunu nistaw nieħdu lura il-VAT, aparti l-fondi li ħadna biex jsiru ir-*rubble walls.*

**74.3.9 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Xogħolijiet fil-Mosta**

Is-Sindku qal li kif diġa jafu l-Kunsilliera x-xogħolijiet li ħa jibdew jsiru issa, m'humiex ħa jsiru għax ġejja l-elezjoni, imma għax ilna naħdmu fuqhom u issa ħarġu l-permessi, u għalhekk is-Sindku talab biex il-Kunsilliera jkunu koretti u jgħidu l-affarijiet kif inhuma mar-residenti.

**74.3.10 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**74.3.10.1– Laqgħat mal kuntratturi tal-knis u tal-ġonna**

Is-Sindku nforma li l-Kuntratturi tal-knis u tal-ġonna talbu li ssir laqgħa miegħu separatament. Il-Kuntrattur tal-Knis fil-fehma tas-Sindku sejjer tajjeb, għalkemm fadal fejn jimpruvja pero' irridu niftakru wkoll li dan beda mil-bidu minħabba in-nuqqasijiet tal-kuntrattur ta' qabel, u din id-differenza tinħass. Il-Kuntrattur tal-knis nforma li biex ix-xogħol jkun kif suppost għandu bżonn 9 ħaddiema flok it-8 li konna tlabna fit-tender. Is-Sindku nforma li mhux intiż kemm hemm bżonn ħaddiema biex jleħqu l-knis tal-Mosta kollha. Il-kuntrattur nfurmaħ li apparti it-8 ħaddiema, qed jiġi persuna oħra li jiġbor u jwassal l-ħaddiema biex jassistihom meta aħna nċemplu biex jmur jnaddaf xi post.

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li l-ilmenti dwar il-knis naqqsu ħafna, u s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat dan wkoll mil-ilmenti li jaslu dirett l-kunsill.
Il-Kuntrattur nforma lis-Sindku li għadu mhux miexi mal-programm tal-knis għax mhux qed jleħqu, fejn nfurmaħ wkoll li ta' l-inqas jrid 6 xhur biex jiġi fuq saqajħ. Is-Sindku nforma li mhux kapaċi jiġġustifikaħħa, u saqsa lil-Kunsilliera jekk hemx xi ħadd li jista joħroġ b'xi tip ta' formula biex nikkwantifikaw ħaddiem ieħor.

Ser issir diskussjoni u nerġgħu nitkellmu.

**74.3.10.2 Ġonna**

Is-Sindku nforma li fejn jidħlu ġonna sibna ġungla wara li tkeċċa l-kuntrattur preċedenti. Is-Sindku wera ritratti lil membri preżenti ta' uħud mil-ġonna, ta' x'sab il-kuntrattur kurrenti fejn jixhdu xogħol li ma sarx mil-kuntrattur ta' qabel. Il-kuntrattur tal-ġonna talab li biex jleħħaq ix-xogħolijiet u niġu lura għan-normalita, hemm bżonn żieda temporanja għal-xahar ta' 3 ħaddiema, li tfisser €4,300 (vat inkluż). Jekk le, għanda 3 xhur oħra biex nkunu nistaw ngħidu li l-ġonna kollha madwar il-Mosta jiġu *in-line.*

Ser issir diskussjoni u nerġgħu nitkellmu.

**74.3.11 Kommunikazzjoni mis-Sindku – PAMA estensjoni ta' applikazzjoni.**

Is-Sindku nforma li kien għadda pjanti lil-Kunsilliera, u l-PAMA applika għal-*extension* ta' *shopping complex,* fuq wara tal-PAMA, żewġ sulari li jikkonsisti *underground parking,* u fuqu *shopping complex* u *public garden*.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċirkula l-applikazzjoni lil-Kunsilliera.

74.3.12 **Kommunikazzjoni mis-Sindku – Leaflet Ġimgħa l-Kbira.**

Is-Sindku nforma li ser jiġi ppuublikat il-*leaflet* tal-Ġimgħa l-Kbira.

74.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**74.4.1 – Ħarġa tal-Kunsill**

Il-Kunsillier Deguara rraporta li l-ħarġa li jmiss hija 18 ta' April, fejn ħa jsiru s-seba' vizti.

**74.4.2 – Twinning**

Il-Kunsillier Deguara rraporta li għaż-żjara min Millbrae, hija pjanata għal-25 ta' April. Il-Kunsillier Deguara ħa jibgħat il-programm u jikkonferma d-data taż-żjara mal-Kunsilliera.

**74.4.3 – Zebra Crossing**

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk jistax jsir d-dawl maż-*zebra crossing* li tinsab fi Vjal Qalbiena Mostin. Is-Sindku nforma li bid-Development Funds tal-Planning Authority nistaw ngħamlu *solar panel lighting.* Is-Sindku qal li diġa applikajna għal-30 par *solar panel lights* bil-fondi tal Planning Authority, biex jitwaħħlu maż-*zebra crossings* madwar il-Mosta.
Il-Planning Authority talbet *site plan* ta' kull arblu eżistenti jew ġdid biex jgħaddi mil-approvazzjoni tas-CRPD. Is-Sindku nforma lil PA li *zebra crossings* bl-arbli diġa jeżistu, kull ma ħa ngħamlu huwa li nbiddlu d-dawl. Pero il-Planning Authority m'aċċettawx is-*site plans* li provdejna iffirmati mil-Perit.

**74.4.4 – Trasport Pubbliku**

Il-Kunsillier Deguara nforma li tal-linja numru 47 u 250 jitilqu fl-istess ħin mil-Belt għal-Sta. Margerita. Idealment dawn jkun hemm 15 jew 30 minuta differenza bejniethom. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat dan is-suġġeriment lit-trasport pubbliku.

**74.4.5 – Patching**

Il-Kunsillier Gauci ilment li hemm bżonn *patching* fi triq Don Alvaro de Sande u triq 9 ta' April.
Is-Sindku nforma li l-*works order* għal-triq Don Alvaro de Sande ħarġet illum.
Il-Kunsillier Deguara ressaq wkoll Triq il-Fuħħar għal-*patching.*

**74.4.6 - Parking Sta. Margerita**

Il-Kunsillier Borg irringrazzja lil-Kunsill tal-*effort* li għamel biex biex l'*un/loading* tal-Maypole tkun l-istess waħda tal-lotto u tkun *shared,* peress li għal ħafna ħin tal-lottu tkun vojta.
Is-Sindku nforma lis-Sur Borg li ħa jigbħatlu l-korrispondenza li rċieva min TM fejn ir-*reserved parking* jrid jkun bil-ħinijiet li ma tgħamilx sens, għax trid titneħħa l-oħra.

**74.4.7 – Skola Sta. Monika**

Il-Kunsillier Borg qal li l-inkonvenjent tat-traffiku li kien qed joħloq it-trasport li jwassal it-tfal ta' l-iskola, din m'għadiex issir.

**74.4.8 – Culvert**

Il-Kunsillier Borg ressaq ilment ta' resident fejn minħabba l-aħħar xita li għamlet, il-*culvert* li hemm fl-aħħar parti ta' Triq il-Kulleġġ (quddiem il-garaxxijiet tas-sorijiet), hemm ħofra li għanda bżonn *patching,* kif wkoll parti min bankina mkissra.

**74.4.9 – Sqaq San Anton Abbati**

Il-Kunsilliera Bonnici saqsiet dwar sqaq San Anton Abbati li kella ssir it-triq. Is-Sindku nforma li l-applikazzjoni saret.

74.4.10 – Staff
Il-Kunsilliera Bonnici qalet li żieda fl-impjegati tinħass, u qed jkun hemm iktar effiċenza għax qed jirrispondu l-*emails* fl-istess ġurnata jew l-għada.

74.4.11 – Ittri
Il-Kunsilliera Bonnici fakkret biex jiġu *updated* l-ittri b'referenza għal-Bażilika.

74.5 Rapporti
74.5.1 - Ġnien l-Għarusa tal-Mosta
Is-Sindku nforma li Ġnien l-Għarusa tal-Mosta wasal fi stadju avvanzat u temmnux kollox li jkun hemm fuq Facebook. Ix-xogħol ilu għaddej fejn il-Perita nkarigata ħadmet viċin tagħna u dan jidher li se jinfetaħ fil-bidu ta' Mejju. Malli jinfetaħ il-ġnien dan ħa jaqa' fir-responsabilta tal-Kunsill biex jinżamm fi stat tajjeb. Għalhekk il-Kunsill il-ġdid jrid jaħseb biex jgħamel PPP (Private Public Partnership).

74.5.2 – Triq Il-Waqqafa
Is-Sindku nforma li Triq il-Waqqafa lesta, u rridu nibgħatu lil Transport Malta biex jimmarkaw il-*parking bays* u linji oħra. Is-Sindku nforma wkoll li parti min din it-triq diġa sfrundat.

74.5.3 – Triq Kostituzjoni
Is-Sindku nforma li t-tender ġie *awarded* pero' infurmat li Infrastructure Malta ma jafux kif ser jimmaniġjaw dan il-proġett, għax din hija triq li tintuża ħafna u għadu mhux pjanat kif ser jiġi devjat it-traffiku.

74.5.4 – Claims
Is-Sindku nforma li ltaqa' l-Bord tal-Claims fejn ġew evalwati 12 il-*claim,* fejn 11 ġew approvati għal-valur ta' 1,090 Ewro. Waħda minnhom iprovdiet kwotazzjoni u mhux irċevuta fiskali, u għalhekk ma ġietx approvata mil-bord.

74.5.5 – Street Naming Committee
Is-Sindku nforma li triq bla isem mgħarufa bħala tas-Swaey, lis-Street Naming Committee m'aċċetawx li din it-triq tissemma tas-Swaey imma triq il-Kunċizzjoni. Triq Freddie Micallef għada pendenti.
Rigward triq il-Bazilika ħa tidher fil-gazetta tal-Gvern f'Ġunju.

74.5.6 - Rent Agreement – Shops 1 to 5, Binja Speranza, Triq il-Beata Adeodata Pisani taż-Żokrija
Is-Sindku nforma li rċevejna korrispondenza mingħand il-Lands fejn għamlu reviżjoni tar-renta tal-garaxxijiet li jinsabu fiż-żokkrija. Il-Kunsill kien jħallas 3,355 Ewro fis-sena, u min dis-sena ir-renta għoliet iktar mid-dopju għal 8,122 Ewro fis-sena.
Is-Sindku nforma lil membri preżenti li jemmen li nistaw nsibu post iktar ċentrali u aċċessibli u faċli nsibu b'irħas wkoll. Is-Sindku nforma li dawn qed jintużaw bħala *storage,* u aparti min hekk jiswa tajjeb wkoll għax hemm ħafna imbarraz antik li m'hemmx użu iktar għaliħ li hemm bżonn jintrema. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa titlob lil *handyman* biex jieħu ritratti u jsir rendikont ta' l-affarijiet li ħa jintremew. Ħa tinforma wkoll lil Lands biex jtuna ċans niżbarazzaw.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li din ir-reviżjoni mil-Lands ma tintlaqax.

**74.5.7 - Quarterly Report 4- October-December 2018**
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-Quarterly Report 4- October-December 2018.

**74.5.8 - Proċeduri tal-Kunsill wara li jinħatar Kunsill ġdied**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti, li jekk il-Kunsilliera l-ġodda jinħatru bil-ġurmament f'nofs ix-xaħar, is-Sindku preċedenti jibqa Sindku sa l-aħħar tax-xahar.

## 74.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 74.6.1 Skeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 86.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 12 ta' Marzu sat-8 ta' April 2019.

### 74.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 74.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 74.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu Il-listi tal-petty cash li tkopri xahar ta' Marzu 2019.

## 74.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:50 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għad-29 ta' April 2019 fis-7:00 p.m.

Konfermati llum 8 ta' April 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |